MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 223/1998/1

**Michael Curmi, Fortunata armla ta' Emmanuel Curmi bhala mandatarja ta' l-imsefrin Margerita mart Salvu Muscat u Elizabeth mart Pawlu Curmi, Carmela mart Toni Camilleri, Sylvana mart Francesco Grima, Joseph Curmi, Michael Curmi, Anthony Curmi, Emanuel Curmi, Rita mart Alfred Hili, Rosina armla ta' Carmelo Cardona, Giuseppa armla ta' Lorenzo Curmi, George Curmi, Giuseppe Curmi, Carmelo Curmi, Margerita mart Carmelo Vella, Teresa sive Tessie mart Savio Spiteri, Carmela mart Emanuel Camilleri, Francesco Curmi, Salvu Curmi u Ludovigo Curmi**

**vs**

**Gioacchino sive Jack u Victorine konjugi Galea, Emanuel Bonnici f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' uliedu imsefrin Francesca mart John Bonnici u Joyce mart Salvu Spiteri, Carmen mart Robert Muscat, Pinu Bonnici, Joe Bonnici, Doris mart Charlie Callejja, Phyllis mart Joe Sultana.**

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi ippremettew:

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet George Curmi et noe vs Gioacchino sive Jack Galea et (citazzjoni numru 204/94) il-Qorti cahdet it-talbiet attrici ghar-rivendika tan-nofs indiviz ta' zewg bicciet raba' maghrufa "Ta' Skerla" fil-kuntrada "Ta' Cenc", limiti Sannat, Ghawdex, deskritti fl-imsemmija citazzjoni u cioe':

(a) il-porzjon art indikata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tat-tmintax (18) ta' Ottubru 1982 atti Nutar Michael Refalo, tal-kejl ta' cirka tlieta u disghajn punt decimali sebgha metri kwadri (93.7m.k) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Gauci, nofsinhar mal-porzjon indikata bl-ittra 'B' tal-istess kejl u lvant ma' passagg;

(b) il-porzjon art indikata bl-ittra 'B' mill-istess raba' tal-kejl ukoll ta' cirkca tlieta u disghin punt decimali sebgha metri kwadri (93.7m.k) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana mal-porzjon indikata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt precitat, nofsinhar in parti ma' beni tal-eredi ta' Dato Muscat u in parti ma' beni ta' Michele Muscat, u lvant ma' passagg;

u dan billi fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw sodisfacentement u fil-grad ta' certezza rikjesta mil-ligi illi huma tassew kienu u ghadhom jippossjedu bi proprjeta' l-istess raba fuq deskritt;

Illi l-atturi jridu jattakkaw din is-sentenza billi din l-istess sentenza ttiehdet bil-qerq da parti tal-konvenuti bi hsara ghall-atturi kif ukoll billi s-sentenza moghtija mill-Qorti fil-11 ta' Dicembru 1997 kienet l-effett ta' zball li jirrizulta mill-istess atti u dokumenti tal-kawza u dan ai termini ta' l-Artikolu 811(a) u (l) tal-Kap 12;

Illi l-art li l-awtur fit-titolu kemm tal-atturi kif ukoll tal-konvenuti u cioe' Pasquale Buttigieg kien akkwista bil-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa tat-22 ta' Marzu 1897 in atti Nutar Onorato Giovanni Refalo (esebit bhala dokument A mac-citazzjoni numru 204/94) hija separata u distinta mill-bictejn art meritu tal-kawza attakkata u m'ghandha x'taqsam assolutament xejn maghhom, u l-Qorti kienet indotta bil-qerq tal-konvenuti li kkonfondew il-bicctejn art meritu tal-kawza ma' porzjon art ohra akbar li kienet giet akkwistata bil-kuntratt tat-22 ta' Marzu 1897 in atti Nutar Onorato Giovanni Refalo minn Pasquale Buttigieg u minhabba din il-konfuzjoni l-Qorti waslet biex interpretat b'mod zbaljat u skorrett l-istess kuntratt u inkorporat l-bicctejn art meritu tal-kawza ma' porzjon art ohra li hija separata u distinta minnhom u li dawn il-bicctejn raba' qatt ma kienu jiffurmaw parti minnha, anzi jinsabu maqtughin kompletament minnha u li kienu gew akkwistati minn Pasquale Buttigieg b'kuntratt iehor separat minn dak tat-22 ta' Marzu 1897;

Talbu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1 thassar is-sentenza tal-11 ta' Dicembru 1997 u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "George Curmi et noe vs Gioacchino sive Jack Galea et" citaz. nru. 204/94 ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811(a) u (l) tal-Kap 12;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emmanuel Bonnici proprio et nomine, Carmen Muscat, Pinu Bonnici, Joe Bonnici, Doris Calleja u Phyllis Sultana fejn eccepew:

1. illi preliminarjament illi huma ma humiex il-legittimi kontradritturi ta' l-atturi billi kull jedd spettanti lilhom dwar l-art imsemmija fic-citazzjoni giet ittrasferita lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-4 ta' Frar 1998;

2. illi jigi rilevat ukoll li l-atturi ma jistghux jipproponu din il-kawza qabel ma jhalsu l-ispejjez minnhom dovuti tal-kawza inizjali liema spejjez naqsu li jhalsu minkejja l-obbligu fuqhom impost;

3. illi l-inqas huwa guridikament koncepibbli li l-atturi jitolbu r-ritrattazzjoni fil-kawza numru 204/1994 u fl-istess waqt hallew is-sentenza moghtija fl-istess jum fl-istess ismijiet fil-kawza numru 124/1992 li kienet tirrigwarda meritu kwazi identiku ghal dik numru 204/1994;

4. illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-meritu t-talbiet attrici huma improponibbli u ddekadew peress illi skada t-terminu ta’ tliet xhur stabbilit bil-ligi;

5. illi inoltre dak kollu allegat fic-citazzjoni huwa infondat billi fil-proceduri msemmija kollox sar korretement u skond il-ligi u jekk l-atturi qeghdin jippretendu li sar xi pregudizzju ghad-dannu taghhom dan kien interament dovut ghalihom infushom li ghat-tielet darba konsekuttiva ipprocedew b’citazzjoni minghajr ebda bazi guridika kwalsjasi ghajr fantasiji dwar jeddijiet ta’ proprjetajiet inezistenti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-elenku tax-xhieda;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gioacchino sive Jack u Victoria konjugi Galea liema eccezzjonijiet taghhom huma identici ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra fuq riportati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-elenku tad-dokumenti.

Rat is-sentenza preliminari (folio 43) ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-31 ta' Ottubru 2000 li biha ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni;

Rat is-sentenza preliminari taghha (folio 72) tal-14 ta' Novembru 2001 li biha ddisponiet mit-tielet eccezzjoni;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluzi l-inkartamenti kollha tar-rikorsi u kawzi li gew  jiffurmaw parti minn dawn l-atti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

L-iskop tal-atturi li jipproponu din il-kawza hi finalment sabiex tigi ritrattata l-kawza li taghha nghatat sentenza fil-11 ta' Dicembru 1997 minn dina l-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet 'George Curmi et noe vs Gioacchino sive Jack Galea et' fl-atti tac-citazzjoni numru 204/94. Permezz ta' din il-kawza l-atturi kienu talbu r-rivendika tan-nofs indiviz ta' zewg bicciet raba' maghrufa 'Ta' Skerla' fil-kuntrada 'Ta' Cenc', limiti Sannat, Ghawdex, li ma kinitx giet akkolta. Ic-citazzjoni odjerna qeghdha titlob li tithassar is-sentenza fuq riferita stante d-detami tal-ligi ta' procedura li trid u tesigi ghall-finijiet ta' ritrattazzjoni li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata minhabba illi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li kawza tigi trattata mill-gdid.

Issa l-atturi qeghdin jibbazaw t-thassir jew revoka tas-sentenza in dizamina fuq l-iskorta tas-sub-incizi  (a) u (l) tal-Artikolu 811 (Kap 12); pero' din il-Qorti sejra, qabel ma titratta l-meritu, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet preliminari u ta' indole legali li fil-fehma taghha huma opportuni li jsiru f'dan l-istadju bhala preambolu ghat-trattazzjoni tal-meritu. B'dan li:

- huwa ben not, u hu appena neccessarju jinghad, li r-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa wiehed ta’ natura straordinarja u hu cirkoskritt ghall-kazijiet elenkati fl-imsemmi Artikolu 811 stante li din il-procedura ta’ ritrattazzjoni ma kienet qatt intiza u lanqas tista’ isservi bhala forma ta’ tribunal tat-tielet istanza b’ezami mill-gdid tal-kawza fil-meritu, u barra minn dan l-kazijiet li fihom jista’ jinghata dan ir-rimedju huma regolati minn interpretazzjoni strettissima;

- li, fi kliem il-Qorti tal-Appell, din il-procedura hija mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palesi minhabba fatturi li jkunu, jew sfuggew l-ezami ta’ l-ewwel istanza, jew taz-zewg istanzi, jew li jkunu issopravenew, basta li f’ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza precedenti ta’ min jitlob ir-ritrattazzjoni – *26.04.1993 fil-kawza Mifsud Bonnici noe et v John Scicluna noe et;*

- li trattandosi ta’ sentenza moghtija fl-ewwel istanza li minnha ma hemmx appell l-atturi jridu juru li gew jafu bil-fatti, illi minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni, wara li ghalqilhom iz-zmien tal-appell - ex Artikolu 812 (Kap 12);

- li fi kliem l-Artikolu 818 (Kap 12) it-talba ghar-ritrattazzjoni, fuq il-bazi tal-kawzali minnhom citati, ghandha issir fi zmien tlett xhur minn meta jinkixef il-qerq u dan fir-rigward is-subinciz (a) tal-Artikolu 811, u wkoll fiz-zmien tliet xhur, u fir-rigward is-subinciz (l) tac-citat Artikolu 811, liema terminu izda jibda jghodd minn dak in-nhar li tkun inghat is-sentenza attakkata.

Illi minn dan il-preambolu ghandu jirrizulta wisq car li l-atturi ma jistghux aktar jinqdew fuq is-subinciz (l) minhabba li mid-data tas-sentenza impunjata ghaddew ferm aktar minn tliet xhur. Ghalhekk il-Qorti mhux ser titratta aktar din il-kawzali u ser tghaddi minnufih sabiex titratta l-kawzali ibbazata taht is-subinciz (a). Dana jipprevedi l-possibilita’ ta’ ritrattazzjoni “jekk is-sentenza

tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra".

Il-kriterji applikabbli f'dan il-kuntest jistghu jigu 'inter alia' sintetizzati kif gej:

- illi l-qerq (dolo) li trid tfisser hawnhekk il-ligi hu l-qerq personali, jigifieri, l-qerq prattikat mill-parti l-ohra u mhux minn kull terz;

- illi s-sentenza trid tkun effett u ghalhekk tkun inghatat fuq ic-cirkostanzi li jirrizultaw minn dan il-qerq, igifieri, li l-qerq jrid ikollu effett fuq id-decizjoni b'mod li s-sentenza ma kinitx tinghata kif inghatat li ma kienx ghall-qerq uzat;

- li l-artikolu in dizamina ma kienx jintitola lill-parti biex titlob ritrattazzjoni f'kull kaz fejn kien hemm il-qerq; il-qerq ghandu jikkwalifika bhala raggiri jew atti frawdolenti fil-misura li 'quando uzati da una delle parti sono stati tali che senza essi l'altra parte non sarebbe stata condannata (*Vol.XIV p.219*);

- il-qerq ma jistax jigi presunt imma jrid jigi pruvat – "senza un grave ed evidente raggiro adoperato da un individuo in danno dell'altro non puo' ammettersi l'azione di dolo" (Mortara); "la sua prova deve risultare da fatti certi, chiari, precise ed evidenti" (Ricci);

Illi l-atturi fil-kawza li taghha qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni permezz tal-odjerna citazzjoni kellhom f'dawk il-proceduri jippruvaw li l-art li kienu qed jirrivendikaw kienet verament taghhom billi jippruvaw inekwivokabilment it-titolu taghhom u mhux jippruvaw jew jittentaw jitfghu dubbju fuq it-titolu pretiz u invokat mill-konvenuti. Ma jiswa xejn li l-atturi issa jallegaw li l-art li l-konvenuti xtraw fuq skorta ta' digriet ta' din il-Qorti fil-veste taghha ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja giet mibdula minhabba qerq ezercitat mill-konvenuti f'dik il-kawza jekk ma jippruvawx f'termini cari, precizi u evidenti l-allegat qerq. Kien

jinnecessita lill-atturi li wkoll juru li l-fatt tal-qerq minnhom allegat ma kienx possibbli ghalihom li jkunu jafu bih fil-kors tal-proceduri tas-sentenza attakkata u wkoll li l-fatti li fuqhom l-atturi qed jibbazaw il-qerq ma kienux gja kunsidrati u trattati f'dawk il-proceduri. Invece, dak li rrizulta hu, li mill-provi prodotti f'din il-kawza l-allegazzjoni tal-qerq baqghet biss tali, u dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li mis-sentenza attakkata jidher li l-fatti koncernanti t-titolu invokat mill-atturi gew ezawrjetement trattati u diskussi. Mis-sentenza ghandu jirrizulta car li dik il-Qorti ghamlet evalwazzjoni tal-provi u dokumenti li kienu quddiemha u waslet biex tikkonkludi kontra l-atturi anke wara li kkunsidrat l-fatturi rilevanti u attinenti l-art in disputa. Issa qeghdin jippretendu li jargghu jinfethu l-provi fuq risultanzi (sic) akkwisiti minnhom wara s-sentenza li, f'kull kaz, messhom hasbu biex jipproduchom waqt il-kors tal-kawza l-ohra u li m'ghamlux b'negligenza cara da parti taghhom. Fi kliem iehor qeghdin l-atturi jippretendu li jinholoq tribunal tat-tielet grad sabiex jissoperixxu ghan-nuqqas negligenti taghhom li jappellaw u n-negligenza taghhom fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Haga li hi insostenibbli.

Ghalhekk tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------